MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 127/2009

Carmel u Geralda sive Jerline, konjugi Grech
(bil-karti tal-identita' numri 137556M u 64163M
rispettivament).

Vs

Alfred Gialanze (Id. 16057M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, li dan it-Tribunal joghgbu jiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront tal-atturi ghas-somma ta' Euro 1,397.62 rapprezentanti somma prelevata mill-HSBC Bank Malta p.l.c. mill-kont bankarju tal-atturi li, fuq talba tal-konvenut, b'sens ta' hbiberija u minghajr ebda skop ta' lukru, kienu ggarantew *loan* mehud mill-konvenut minghand l-HSBC Bank Malta p.l.c. b'kont bankarju taghhom, liema *loan* l-istess konvenut naqas milli jonora u

b’hekk sar tali prelevament mill-imsemmi Bank; u jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ Euro 1,557.62 u cioe s-somma ta’ Euro 1397.62 ghar-ragunijiet fuq esposti u s-somma ta’ Euro 160 rapprezentanti spejjes sabiex inhareg mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 472/2009 u spejjes ohra extra-gudizzjarji inkorsi sal-lum il-gurnata. Bl-ispejjes kollha u bl-imghax legali mid-data ta’ meta gew prelevati l-flus mill-kont tal-atturi sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi t-talba hija infondata peress li l-bank de quo ma kellux dritt jaddebita l-kont tal-atturi. Minghajr pregudizzju, l-atturi irrifjutaw bla raguni l-offerta tal-konvenut sabiex ihallas id-debitu tieghu u kwindi huwa ma ghandux jissupporta spejjes inutili. B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda ta’ l-attrici Geralda Grech.

Sema x-xhieda ta’ Dottor Daphne Dodebier prodotta mill-atturi.

Sema x-xhieda tal-konvenut Alfred Gialanze.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi minn ezami tal-provi kollha prodotti, jirrizulta bic-car li l-konvenut kien applika ghal *loan facility* mal-bank HSBC fl-ammont ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600), u li sabiex inghata dan il-*loan*, il-konvenut kellu jaghti ‘*security*’ fil-forma ta’ *pledge* li fil-fatt taw l-atturi Grech. Jirrizulta li l-*pledge* inhareg fuq il-kont bin-numru 013163621050 li kien kont bankarju tal-attur Carmel Grech. Jirrizulta wkoll li l-loan

ta’ Lm600 inghata lill-konvenut wara li gie ffirmat il-*pledge* in kwistjoni.

Gara illi peress li l-konvenut ma kienx ghamel il-hlasijiet tieghu fuq il-*loan* in kwistjoni, l-bank, wara li avza kemm lill-konvenut kif ukoll lill-atturi b’dak li kien ser jaghmel, gibed il-flus mill-kont tal-atturi sabiex jaghmel tajjeb ghal-*loan* li ma kienx thallas mill-konvenut.

Fil-fatt l-ammont globali li l-bank HSBC gibed mill-kont tal-atturi kien dak ta’ Lm600, ekwivalenti ghal €1,397.67. Dan sar proprju fl-20 ta’ Jannar 2009.

Illi ghalkemm il-konvenut jista’ forsi jkollu ragun dwar il-passi o meno li l-bank ha fil-konfront tieghu, u ghalkemm jista’ jkun li l-konvenut ghandu xi ilmenti validi f’dan is-sens, din il-kawza ma tirrigwardax il-proceduri tal-bank HSBC u l-atteggjament ta’ dan l-istess bank fil-konfront tal-konvenut. It-Tribunal fil-fatt jidhirlu li kwalsiasi ilment f’dan ir-rigward m’ghandu l-ebda relevanza ghall-kawza in ezami u huwa totalment estraneju ghall-kwistjoni odjerna.

Dana ghaliex il-kawza odjerna tikkoncerna biss it-talba u d-drittijiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenut una volta li l-bank gibed il-flus mill-kont taghhom sabiex jaghmel tajjeb ghal-loan tal-konvenut. Huwa ovvju li gjaladarba l-atturi kellhom jaghmlu tajjeb mal-bank ghan-nuqqasijiet tal-konvenut li ghalih huma kienu qedin jagixxu bhala garanti, issa dawn l-istess atturi ghandhom kull dritt li jduru fuq il-konvenut ghall-hlas lura tas-somma in kwistjoni.

Illi oltre dan kollu, l-konvenut fix-xhieda tieghu stess jammetti izjed minn darba li l-ammont mitlub huwa dovut lill-atturi, u sahansitra jghid li huwa offra l-hlas ta’ dan l-ammont lill-atturi diversi drabi. Illi t-Tribunal ghandu d-dubbji serji jekk dan l-ammont verament giex offrut lill-atturi, ghaliex jekk verament dan kien il-kaz huwa ghal kollox inkoncepibbli kif ma giex accettat minnhom. Madankollu jibqa l-fatt li l-konvenut qed jammetti li ghandu jhallas dan l-ammont lill-atturi.

Illi ghalhekk peress li ma hemm xejn li ghandu jimpedixxi dan it-Tribunal milli jikkonkludi li l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma minnhom mitluba, t-talba attrici ghandha tigi milqugha, bla pregudizzju pero' ghal kwalsiasi drittijiet li jista' se mai jkollu l-konvenut fil-konfront tal-bank in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' €1,557.62, bl-imghax kif mitluba fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------